**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Sedut tal-Gimgha, 11 ta' Ottubru, 2019**

**Appell numru: 26/2019**
**Wara sentenza tat-Tribunal Industrijali**
**datata 15 ta' Marzu, 2019**

**Alfred Agius**

**vs.**

**Tal-Maghtab Construction Co Ltd.**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell tal-kumpanija ntimata Tal-Maghtab Construction Co Ltd. minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali datata 15 ta' Marzu, 2019 fejn gie deciz kif isegwi:

*'Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazjoni tal-impieg tar-rikorrent Alfred Agius kienet ingusta u bi ksur tal-ligi u ghalhekk dan it-Tribunal qed jiddeciedi wkoll li fi zmien hmistax-il guranta*

*mid-data ta' din id-decizjoni s-socjeta' ntimata ghandha thallas lir-rikorrent is-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) bhala kumpens liema kumpens ma jinkludix in-notice money dovuta lir-rikorrent skont il-ligi li ghandhom jigu mhallsa lir-rikorrent fi zmien hmsitax-il gurnata mid-data ta' din id-decizjoni.'*

2. Illi d-decizjoni appellata ssegwi lment tar-rikorrent Alfred Agius quddiem it-Tribunal Industrijali li huwa kien jahdem mal-kumpanija ntimata fuq kuntratt indefinit bhala *steel fixer* ghal madwar hames snin, li nhar is-17 ta' April, 2015 huwa gie mghajjar u provokat minn rapprezentant tas-socjeta' initmata fuq kwistjoni ta' tnalja nieqsa tant li spiccaw f'battibekk u dak il-hin ir-rikorrenti tkecca mix-xoghol. Ir-rikorrent isostni li t-tkeccija tieghu qatt ma giet diskussa u talab lit-Tribunal sabiex jiddikjara li huwa tkecca nguastament u minghajr ebda raguni valida. Konsegwenza ta' hekk talab li jithallas kumpens gust inkluz in-*notice money*.

3. Illi t-Tribunal wasal ghad-decizjoni tieghu wara li dahal fid-dettal tax-xhieda li tressqu *viva voce* quddiem it-Tribunal u cioe' x-xhieda tal-istess rikorrent u ta' Raymond Sciberras li huwa wiehed mid-Diretturi tas-socjeta' ntimata u li mieghu kellu xi jghid dak in-nhar li tkecca r-rikorrent. Il-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal fid-decizjoni appellata kienu kif isegwi:

*'Li din hija talba sabiex ir-rikorrent jithallas in-notice money u jinghata kumpens xieraq ghat-tkeccija ngusta tieghu.*

*Li mill-atti jirrizulta li r-rikorrent irrizenja mix-xoghol wara li gie ordnat jitlaq minn Raymond Sciberras wiehed mid-Diretturi tas-socjeta' ntimata.*

*Jirrizulta wkoll li r-rikorrent kien impjegat full-time mal-istess socjeta' ntimata bhala Steel Fixer u li l-impjegat gie terminat fis-17 t'April, 2015 u r-raguni moghtija mis-socjeta' ntimata 'dismissed on disciplinary grounds'.*

*Li bhala paga Alfred Agius ir-rikorrent kellu €474.26c gross kull hmistax u netti €428.66 u l-ahhar payslip tieghu dik ta' bejn is-16 ta' Marzu, 2015, sas-27 ta' Marzu, 2015, turi dan.*

*Li Alfred Agius jikkontendi li kien ilu mpjegat mas-socjeta' ntimata ghal hames snin qabel gie terminat lilu l-impjieg fis-17 t'April, 2015. Is-socjeta' ntimata tramite Raymond Sciberras tghid li bl-amment ma tafx kemm kien ilu mpjegat maghha Agius.*

*Illi mill-provi jirrizulta li kollox inqala' minhabba tnalja; li Agius qatt ma kellu warnings u li tkecca mix-xoghol dakinhar tal-incident minghajr ma nghata l-opportunita' li jiddefendi lilu nnifsu. Huwa ma thallasx tan-notice money u dam qieghed sena u ghaxar xhur u minhabba r-raguni tat-tmiem tal-impjieg li taw is-socjeta' ntimata fit-termination form tieghu cioe' dik ta' dismissed on disciplinary grounds huwa ma setax jirregistra.*

*Illi meta wiehed jifli s-sekwenza tal-fatt kif gara l-incident fis-17 t'April, 2015, meta Agius kien suppost li jiehu hsieb li jkollu t-tnalja mieghu u dakinhar ma kinitx u kif Sciberras irrabja ghal dan tant li offenda lil Agius*

*li offendih lura u wara li Sciberras pprova jagredixxi lil Agius qal lil Agius biex jitlaq cioe' ma jibqax imur aktar ghax-xoghol. Rapport l-ghassa sar minn Sciberras biss ma jirrzultax li ttiehdu proceduri kriminali kontra r-rikorrent Alfred Agius.*

*Huwa thallas il-paga u l-leave li kien fadallu izda mhux in-notice money. Agius jippretendi kumpens ukoll ta' kemm dam bla xoghol.*

*Mill-provi jirrizulta li r-rikorrent qatt ma kien jaf li r-raguni tat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu kienet ghal ragunijiet dixxiplinarji u dan sar jaf bih wara li l-impjieg tieghu gie terminat u mar biex jirregistra mal-ETC illum Jobsplus. Agius ghalhekk qatt ma kien f'qaghda li jista' jiddefendi ruhu b'mod xieraq l-allegazzjonijiet li kienet ghamlet is-socjeta' ntimata fil-konfront tieghu stante li huwa qatt ma gie nfurmat mis-socjeta' ntimata li l-impjieg tieghu kien qed jigi terminat ghal ragunijiet ta' dixxiplina. Jirrizulta wkoll li Agius qatt ma kellu warnings la verbali u lanqas bil-miktub sakemm dam fl-impjieg mas-socjeta' intimata.*

*Dan it-Tribunal josserva li ebda dokumentazzjoni ma giet prodotta dwar il-perjodu li ghamel jahdem Alfred Agius mas-socjeta' ntimata.'*

Konsegwentement it-Tribunal ghadda ghad-decizjoni favur ir-rikorrent appellat kif gia suespost.

4) Illi s-socjeta' appellanti ressqet erba' aggravji quddiem din il-Qorti ntitolati kif isegwi:

(i) Nuqqas ta' Smiegh Xieraq – Art. 6 tal-Konvenzjoni/Art. 39 (2) tal-Kostituzzjoni;

(ii) Tkeccija Gusta – Insubordinazzjoni u Agir Vjolenti;

(iii) Tkeccija ngusta Inkompatibbli Mal-Ordni Ghall-Hlas tan-Notice;

(iv) L-Appellat ma ressaq ebda prova dwar Telf (Art. 81 (2a) tal-Kap. 452).

Konsegwentement talbet li din il-Qorti thassar u tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali appellata.

5. Rat illi r-rikorrent appellat fir-risposta tieghu jeccepixxi kif isegwi:

(i) Illi l-appell tal-appellanti ma huwa xejn ghajr tentattiv ta' appell mill-apprezzament tal-fatti kif decizi mit-Tribunal;

(ii) Illi dwar l-allegata nuqqas ta' smigh xieraq l-appellat jaghmel referenza ghall-fatt li t-trattazzjoni tal-partijiet ghalkemm saret quddiem Tribunal diversament presedut din fil-fatt kienet traskritta w'ghalhekk ic-Chairman li finalment tat id-decizjoni kellha a dispozizzjoni taghha t-trattazzjoni kif ukoll ix-xhieda kollha fl-atti b'dana li mhux minnu li kien hemm nuqqas ta' smiegh xieraq kif allegat;

(iii) Illi l-incident li wassal ghat-tkeccija tar-rikorrent appellat kien rizultat tal-karattru nervuz tal-principal Sciberras li kienet mill-ewwel taqbizlu ma' l-impjegati tieghu;

(iv) Dwar l-aggravju ta' inkompatabilita' bejn ordni ta' kumpens u hlas ta' *notice* r-rikorrenti appellat isostni li l-ammont tal-kumpens hu rimess ghall-arbitirju tat-Tribunal.

(v) L-appellat ma jaqbilx li huwa ma ressaqx provi dwar it-telf tieghu konsegwenza tat-tkeccija u sabiex isahhah dan jaghmel referenza ghad-decizjoni appellata f'dik il-parti fejn appuntu tindika l-introjtu tal-appellat u kemm dam minghajr xoghol. L-appellat isostni li kieku t-Tribunal mexa ezatt ma dak dikjarat minnu bhala paga u t-terminu ta' sena u ghaxar xhur li ghamel bla xoghol il-kumpens kellu jkun ferm akbar minn hamest elef Euro u l-ekwivalenti ta' dak dovut *f'notice*.

6. Semghet it-trattazzjoni tal-appell tal-partijiet fis-seduta tal-14 ta' Gunju, 2019 u ddiferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum.

7. Rat ix-xhieda, dokumenti, esebiti u l-atti kollha.

**Konsiderazzjonijiet**

8. Illi l-ewwel aggravju tas-socjeta' appellanti jsostni li hija kellha nuqqas ta' smiegh xieraq ghar-raguni li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali appellata nghatat minn 'Chairperson' tat-Tribunal diversa minn dik li semghet il-provi u semghet it-trattazzjoni. Il-Qorti mill-atti vverifikat li dan effettivament huwa minnu izda dan il-fatt mhux neccessarjament ifisser li s-socjeta' appellanti *per conseguenza* kienet vittma ta' nuqqas ta' smiegh xieraq. Il-Qorti vverifikat mill-atti li c-*Chairperson* li tat id-decizjoni kellha a dispozizzjoni taghha fl-atti x-xhieda kollha traskritti mismugha quddiem it-Tribunal diversament kompost kif ukoll sahansitra kellha traskrizzjoni tat-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet esebita fl-atti. Minn qari tad-decizjoni appellata din il-Qorti rat li t-Tribunal kif presedut fid-decizjoni ghamel referenza ampja ghax-xhieda kollha fl-atti kif ukoll ghat-trattazzjoni fl-atti u d-decizjoni appellata hija *tutt'altro* milli superficjali kif issostni l-appellanti.

Il-Qorti rat ukoll illi ghalkemm is-socjeta' intimata appellanti, permezz ta' avviz datat 18 ta' Ottubru, 2018, giet avzata li d-decizjoni kienet ser tinghata minn *Chairperson* divers hija ma ghamlet l-ebda tentattiv permezz ta' xi rikors jew mod iehor sabiex tqajjem l-oggezzjoni taghha li d-decizjoni tinghata min Chairperson iehor qabel ma appuntu din inghatat. Xejn ma waqqaf lis-socjeta' appellanti milli taghmel dan pendenti data ghal decizjoni li nghatat hames xhur wara l-avviz tat-18 ta' Ottubru, 2018 w'ghala dan in-nuqqas tista' tahti biss is-socjeta' appellanti.

In vista tas-suespost, din il-Qorti hija konvinta li s-socjeta' appellanti qed tqajjem dan il-punt fi stadju ta' appell unikament sabiex tkompli ttawwal il-proceduri u mhux ghaliex verament tqis li kien hemm nuqqas ta' smiegh xieraq fil-konfront taghha. Il-Qorti ghalhekk tqis li dan l-aggravju mhux gustifikat u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

9) Illi fit-tieni aggravju taghha s-socjeta' appellanti tidhol fil-mertu tat-tkeccija tar-rikorrenti u ssostni quddiem din il-Qorti li t-tkeccija kienet rizultat ta' insubordinazzjoni u agir vjolenti u tinsisti li tali agir ma setax jigi dikjarat bhala gustifikat jew skuzabbli mit-Tribunal.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti taghti ragun lill-intimat appellat li l-aggravju jirrigwarda purament nuqqas ta' qbil tas-socjeta' appellanti mal-apprezzament tal-provi da parti tat-Tribunal u li stante li quddiem din il-Qorti huwa permissibbli biss appell fuq punt ta' ligi *per conseguenza* dan l-aggravju ser jigi michud.

Illi tal-istess fehma hija din il-Qorti dwar ir-raba' aggravju tas-socjeta' appellanti li fl-istess aggravju taghti r-ragunijiet taghha ghalfejn tqis li l-appellat ma ressaq ebda prova dwar telf. Il-Qorti rat li kemm mill-provi fl-atti kif ukoll mid-decizjoni tat-Tribunal jirrizulta li tressqu provi ampji dwar il-paga li l-appellat kellu mas-socjeta' appellanti (sahansitra permess ta' *payslips)* kif ukoll l-istess rikorrenti xehed dwar kemm zmien huwa dam minghajr xoghol. It-Tribunal dahal sew fid-dettal dwar dan il-punt fid-decizjoni tieghu.

Huwa car izda li dan l-aggravju, anki jekk sahansitra fattwalment mhux gustifikat, jikkonsisti biss f'nuqqas ta' qbil tas-socjeta' appellanti mal-apprezzament tal-provi tat-Tribunal u konsegwentement mhux appellabbli quddiem din il-Qorti u ser jigi michud.

10. Illi t-tielet aggravju tas-socjeta' appellanti jsostni li t-Tribunal ma setax legalment jordna l-hlas ta' kumpens ta' hamest elef Euro (€5,000) flimkien ukoll mal-hlas tan-'notice' (bla ebda ndikazzjoni tal-*quantum*) u ssostni wkoll li tali ordni ghall-hlas tan-*notice* hija nkompatibbli mal-fatt li t-Tribunal iddikjara li t-tkeccija tar-rikorrent appellat kienet dikjarata ngusta.

Illi sakemm dan l-aggravju jirrigwarda l-kompetenza tat-Tribunal din il-Qorti tqis li l-aggravju jikkwalifika bhala punt ta' ligi w'ghalhekk accettabbli li jsir appell fuqu. Fil-mertu l-Qorti rat id-decizjoni tat-Tribunal minn fejn jirrizulta li qabel mat-Tribunal fid-*decide* tieghu ordna kumpens ta' hamest elef Euro (€5,000) oltre l-ammont dovut skont il-ligi bhala 'notice' l-istess Tribunal ddikjara li ma setax jasal ghall-konkluzjoni dwar il-perjodu li Alfred Agius ghamel jahdem mas-socjeta' ntimata. Dan stante li ghalkemm Agius iddikjara fix-xhieda tieghu li huwa kien ilu hames snin jahdem mas-socjeta' intimata dak in-nhar li tkecca, ir-rapprezentant tas-socjeta' meta mistoqsi kemm kien ilu mpjegat tas-socjeta' r-rikorrent ma kienx f'posizzjoni li jwiegeb.

Illi din il-Qorit tqis li mill-konkluzjonijiet tat-Tribunal huwa evidenti li t-Tribunal, fid-diskrezzjoni assoluta li taghtih il-ligi, ried li bhala kumpens lir-rikorrent jordna l-hlas tas-somma ta' hamest elef Euro (€5,000) flimkien ma' somma ekwivalenti ghan-*notice* dovuta lilu li kieku huwa kien gie terminat minn xoghlu. Stante li l-kalkolu tan-*notice* jiddependi fuq l-ammont ta' snin li persuna tkun ilha mpjegata t-Tribunal fin-nuqqas ta' data preciza fl-atti ta' meta beda l-impjieg tar-rikorrent appellat ordna li l-kumpens ikun fis-somma ta' hamest elef Euro (€5,000) flimkien ma' ammont ekwivalenti ghan-*notice* dovuta li facilment tista' tinhadem mis-socjeta' appellanti stante li hi ghandha d-data ezatt ta' meta beda l-impjieg. Din il-Qorti in vista tad-diskrezzjoni u arbitriju ampju li l-ligi taghti lit-Tribunal Industrijali fil-kalkolu ta' kumpens li ghandu jithallas (fejn f'dan il-kaz verament kif issottometta l-appellat seta' kien f'somma ferm akbar minn dik effettivament ordnata tenut kont ta' kemm dam qieghed ir-rikorrent), ma ssib xejn kundannabbli legalment fl-ordni tal-istess Tribunal li parti mill-kumpens dovut ikun ekwivalenti ghall-perjodu ta' *notice* partikolari w'ghaldaqstant ser tghaddi sabiex tichad ukoll dan l-aggravju.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha sueposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi dan l-appell billi filwaqt li tichad l-aggravji kollha tas-socjeta' appellanti, tichad l-appell u**

**tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal Industrijali appellata fl-ismijiet premessi datata 15 ta' Marzu, 2019.**

**Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' appellanti.**

**(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**Deputat Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**